## HABIBI L-GHASFUR

*Ta'* L. Farrugia Bonnici

Ħabbejt oqsma u għasafar;
Ħabbejt ibħra u widien...
Kollu dak li mhux tal-bniedem
Fih sibt dejjem is-serħien.

Għaliex dawn li ħabbejt jiena,
Ma jafux x'inhuwa qerq:
Mhux bħall-bniedem li biss ħsiebu
Mill-qlub jaħsad tal-ferħ l-għerq,

U iħalli jibku mnikkta
Dawk li lilu ħabbu sħiħ;
Talli raddu lilu mħabba
Huwa lilhom radd żeblīħ.

...Għalhekk 'ħuni bħal ħabibi
Għasfur ċkejken tal-widien;
Qalb l-għelieqi, bogħod mill-bniedem,
Hemm ingħixu t-tnejn flimkien.

Balzan, il-21 ta' Jannar 1947.

---

## IS-SAJF

*Ta'* P. P. Theuma

Spiċċat l-iskola tagħna
U bdew il-btajjel twal
Il-btajjel ta' sajf jikwi
U jgħum f'tax-xemx l-idwal.

Il-baħar qed jistiednek
Tintefa' ġewwa fih,
Ismagħha l-għanja tiegħu
Li qatt m'hemm li tixjieħ.

Għalija aħjar bil-qasba
Fid-dgħajsa 'l bogħod, 'il bogħod
B'kappell ġo rasi mdeffes
U bl-ilma taħt jirtogħod.

Luqa, 1946.



# L-Istampa f'Malta

*Ta'* Ġużè' Gatt

*(Is-Sebgħa Taqsima; tissokta man-Nru. ta' Ġunju, faċċ. 56)*

META ġiet imwittija t-triq, billi min-nofs twarrab kull xkiel u twegħir li seta' jmiss u jolqot lill-Ordni Ġerosolimitan, ukoll fl-iċken nuqqas ta' ġieh u qima li kien jistħoqqlu, bħala Ħakkiem ta' Malta, il-Gran Mastru Pinto beda jaħseb u jħabrek ħalli titwaqqaf l-Istampa hawn, għall-qadi ta' dawn il-Gżejjer. Iżda, għad-debbus tat-tiftix kollu li għamilna, ma rnexxilniex naqbdu minn fejn seta' Pinto ġieb l-ewwel torkju li l-Ordni ħaddem f'Malta. Ħwejjeġ oħra li kellhom x'jaqsmu ma' l-Istamperija sibna minn fejn tħasslu, iżda, dwar minn fejn inkisbu t-torkji, xejn. Dil-biċċa tagħtina naħsbu żewġ ħwejjeġ: jew l-Ordni kien għad fadallu, maħżuna għandu, dawk it-torkji li darba kienu ta' Pompeo de Fiore, flimkien ma' xi tagħmir ieħor tagħhom, u Pinto nqeda bihom fil-bidu; inkella dawn saru hawn Malta, bħalma nħadmu torkji oħrajn, ukoll fi żmien Pinto, ftit tassnin wara li kienet ilha taħdem l-Istampa fi Gżiritna.

Fost dawk li saru jafu bil-ħsieb tal-Gran Mastru Pinto, insibu lill-Istampatur fl-Istamperija tas-Senat (Ġurati) ta' Katanja, Dun Anton Bisagni, fejn l-Ordni kien jistampa l-Bolla Kruċjata ta' kull sena—mill-1745 sa dik ta' l-1753—għall-ħtieġa tal-Gżejjer tagħna.

Dak li f'idejh kellu t-tmexxija u t-tqassim f'Malta ta' l-imsemmija Bolla, taħ l-isem ta' Kummissarju. Fiż-żmien li qed ingħidu, bħala Kummissarju, insibu lill-Kmandatur Fra Bernard Armaud, Qassis Malti ta' l-Ordni, magħruf ukoll bil-laqam *ta' Sardina*.

Armaud kiteb lil Bisagni, biex jibgħatlu xi għamliet ta' tipi milli kellu, ħalli jinqdew bihom għat-titbigħ tal-Bolla Kruċjata. Fl-14 ta' Novembru, 1752, Bisagni wieġbu u għarrfu li bagħatlu wirja ta' tipi magħżula, biex, kemm-il-darba jogħġbuh, 'il quddiem jista' jistampa l-Bolla bihom. Jekk le, jikteb Ruma malajr, ħalli jagħmlulu oħrajn ġodda. Terġa', minn dak li tarraflu, fl-ittra li kitiblu, bil-jedd kollu qabad, li l-Gran Mastru hu bil-ħsieb u l-fehma li jdaħħal l-Istampa f'Malta. Għalhekk talbu biex jitkixxef u jara sewwa dwar dina l-ħaġa, ħalli, jekk dan hu